

# Il-Kult Ġużeppin fil-Knisja Arċipretali ta' San Nikola fis-Siġġiewi

Mario Fenech

Bħal f'ħafna mill-knejjes f'Malta u Għawdex fil-Knisja Arċipretali ta' San Nikola fis-Siġġiewi, il-Kult Ġużeppin minn dejjem kien wieħed li jmur lura għal bosta snin fost l-abitanti tar-raħal.

Il-lokalità tas-Siġġiewi nafu li kienet diġà mwaqqfa bħala parroċċa fis-sena 1436. Tissemma' fir-Rapport tal-Vista Pastorali li kien għamel l-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Senatore de Mello. Il-Knisja Parrokkjali kienet mogħnija bi skultura mill-isbaħ u dejjem kienet fi stat tajjeb kif jixhdu r-rapporti ta' dawk li għamlu l-Visti Pastorali tagħhom fiha matul is-snin.

Meta nbniet il-Knisja Parrokkjali l-ġdida fiċ-ċentru tar-raħal u tbierket nhar it-22 ta' Novembru 1682, l-altari żdiedu fin-numru.

Wieħed minn dawn l-altari fil-Knisja Arċipretali huwa ddedikat lis-Sagra Familja. Il-kwadru li hemm fuq dan l-altar huwa xogħol tal-artist Lazzaro Pisani.

F'dan ix-xogħol, l-artist pinġa lill-Familja Mqaddsa bil-Madonna bilqiegħda fuq ċint baxx tal-ġebel tas-sejjieħ bil-Bambin Ġesù bilwieqfa fuq ħoġorha. San Ġużepp bilwieqfa b'ġilju f'idu qiegħed jara b'attenzjoni din ix-xena.

Hawnhekk l-artist pinġa lill-Familja Mqaddsa mhux bħalma naraw is-soltu fi kwadri bħal dawn, jiġifieri f'xi dar jew fil-ħanut tax-xogħol ta' San Ġużepp, iżda fil-beraħ, b'art xagħri u bil-palma biex tilqa' xi ftit mix-xemx.

Dan il-kwadru mhux l-uniku wieħed tas-Sagra Familja li pinġa l-artist Lazzaro Pisani fis-Siġġiewi. Il-kwadru l-ieħor jinsab fl-Oratorju tas-Sagra Familja li hemm biswit il-Knisja Arċipretali ta' San Nikola. Dan l-Oratorju ġie mibni fuq il-pjanta tal-Arkitett Andrea Micallef fis-sena 1913, is-sena tal-Kungress



*Il-Kwadru tas-Sagra Familja li hemm fuq l-altar fil-Knisja Arċipretali*



*L-istatwa ta' San Ġużepp*

Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta dik issena.

Dan l-Oratorju kien intlaqat bil-bombi tal-għadu waqt it-tieni Gwerra Dinjija u l-kwadru li kien hemm fih xogħol tal-artist Ġanni Vella kien inqered għalkollox. B'hekk wara li ġie mibni mill-ġdid, fl-Oratorju sar il-kwadru li hemm illum mill-artist Lazzaro Pisani.

Waħda mill-Fratellanzi li twaqqfu matul is-snin f'din il-parroċċa hija taħt il-Ħarsien ta' San Ġużepp. Din il-Fratellanza ħadmet bis-sħiħ biex ixxerred id-devozzjoni lejn San Ġużepp filwaqt li l-Fratelli mseħbin fiha ħadu ħsieb jagħmlu diversi opri sagri sbieħ biex jintużaw fuq l-altar tal-Fratellanza u waqt il-festa ta' San Ġużepp u ta' San Nikola.

Fost dawn hemm is-sett gandlieri indurati li jintramaw waqt il-jiem tal-festa flimkien mal-Ventartal mżejjen bi skultura mill-isbaħ indurata bit-tilar imżejjen b'rakkmu bil-ħajt tad-deheb u t-terħa tal-bellus aħmar irrakkmata wkoll bil-ħajt tad-deheb.

Opra mill-isbaħ li ħadet ħsieb tagħmel il-Fratellanza hija l-istatwa ta' San Ġużepp xogħol fil-kartapesta tal-istatwarju Karlu Darmanin.

Meta saret din kienet waħda mill-ewwel statwi ta' dan il-qaddis fil-gżejjer Maltin fejn il-Bambin Ġesù mhux qiegħed f'idejn San Ġużepp bħala tarbija iżda ppreżentat bħala tfajjel ċkejken b'qalb f'idu x-xellugija bilwieqfa ndukrat mill-Missier Putattiv tiegħu.



*Il-kwadru tas-Sagra Familja fuq l-altar tal-Oratorju*

Dawn l-opri sagri li saru matul is-snin f'ġieħ San Ġużepp fil-Knisja Arċipretali ta' San Nikola fis-Siġġiewi huma xhieda ta' kemm dan il-Qaddis igawdi devozzjoni lejH mill-poplu Malti.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.


Pasta Royale

**Fresh**

**Home-Made Pasta**

85, Mensija Road, San Ġwann

**Tel: 2138 3407 / 9947 1280**